MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Numru 9999/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Jonathan Fenech)**

**v.**

**James Hughes**

Illum, 27 ta’ Jannar 2009

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta’ L-Avukat Generali tal-lum stess, maghmul skond l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-digriet ta’ l-ghoti tal-helsien mill-arrest tat-23 ta’ Jannar 2009 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-konfront ta’ James Hughes, u ghalhekk tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta’ l-istess James Hughes;

Rat id-digriet preliminari taghha, moghti aktar kmieni dalghodu, li bih appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-lum fit-3.30 p.m.;

Semghet, fl-udjenza tal-lum, kemm lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Leonard Caruana ghall-Avukat Generali u l-Avukat Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-intimat Hughes – kif ukoll (bil-gurament) lill-Ispettur Johan Fenech;

Rat l-atti tal-kawza, limitatament ghall-finijiet tal-kwistjoni li ghandha quddiemha;

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali jikkontendi li l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni ghal dak li jirrigwarda l-akkuza ta' traffikar ta' erojina u ta' pussess aggravat ta' l-istess, jistrieh fuq id-deposizzjoni ta' xhud li allegatament xtara diversi drabi minghand l-intimat imputat (hemm akkuzi ohra ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, ta' pussess aggravat ta' kodejina u li huwa recidiv li ma jidhirx li jiddependu minn dan ix-xhud). Ghalkemm dana x-xhud gja iddepona fl-atti ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*, hu ghad irid jiddeponi *viva voce* quddiem l-imputat fil-kontradittorju.

Jidher mill-atti li l-intimat Hughes ghandu fedina penali ta' sitt faccati b'ghaxar kundanni precedenti, u minbarra hekk huwa *ex admissis* tossikodipendenti (skond l-Ispettur meta xehed, huwa ghandu problema 'serja' ta' droga). Huwa wkoll dizokkupat. F'dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont tal-pieni li jgorru maghhom ir-reati addebitati lill-intimat, din il-Qorti tikkondivi pienament il-fehma tal-prosekuzzjoni li f'dan il-kaz hemm, ghall-anqas sa issa, biza' reali ta' intralc mal-provi ta' l-istess prosekuzzjoni.

Il-Qorti tal-Magistrati, li quddiemha tressaq b'arrest l-intimat Hughes fit-23 ta' Jannar 2009 (il-Pulizija investigat il-kaz u kkonkludiet l-investigazzjoni taghha fil-jumejn ta' qabel – u ghalhekk hawn mhux qed nitkellmu dwar xi trapass ta' zmien bejn l-investigazzjoni tal-pulizija u d-data meta l-imputat jitressaq b'arrest) akkordat il-helsien mill-arrest lill-imsemmi Hughes bil-kundizzjoni li huwa jirrisjedi

fid-dar tieghu (l-ewwel kundizzjoni) u johrog biss bejn l-10.00 a.m. u l-11.00 a.m sabiex imur l-isptar jiehu l-*methadone*, u li qabel ma johrog u appena jirritorna huwa ghandu jinforma l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida. Jidher, ghalhekk, li anke l-ewwel Qorti kienet konxja mill-biza' ta' intralc mal-provi, ghax altrimenti ma kienx ikun hemm skop ghall-imposizzjoni tal-hekk imsejjah *"house arrest"*. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li meta Qorti ma tkunx sodisfatta illi ma hemmx il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali – u allura tkun sodisfatta li hemm tali perikolu/i, bhalma necessarjament kienet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz – il-posizzjoni li ghandha tiehu dik il-Qorti hi li tichad it-talba ghall-helsien mill-arrest preventiv. In fatti din il-Qorti difficilment tista' tifhem x'inhu ezatt l-iskop tal-hekk imsejjah *"house arrest"* (a differenza ta' kundizzjoni ta' *curfew* jew li ma jersaqx lejn certi postijiet) – jew hemm wiehed jew aktar mill-perikoli msemmija, u allura l-helsien mill-arrest m'ghandux jinghata, jew ma hemmx, u allura l-imputat ghandu jinheles mill-arrest taht garanzija u b'dawk il-kundizzjonijiet l-ohra li jkomplu jiggarantixxu li ma tavverax ruhha xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e). Il-*house arrest*, pero`, ma jista' qatt jaghti l-garanziji li jaghti l-arrest preventiv proprju, ghax ghalkemm l-imputat jew akkuzat ikun projbit milli johrog minn daru, xejn ma jista' verament izommu milli, per ezempju, jikkomunika max-xhieda, anke dawk potenzjali, tal-prosekuzzjoni bid-diversi mezzi ta' komunikazzjoni llum disponibbli.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz partikolari, din il-Qorti hi tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati malament ezercitat id-diskrezzjoni taghha ghal dak li jirrigwarda l-ghoti tal-helsien mill-arrest preventiv ta' l-intimat f'dana l-istadju tal-proceduri kontra tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu James Hughes inghata l-helsien mill-arrest, u ghalhekk tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-intimat James Hughes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------